

28.6.2017

A8-0234/26

Emenda 26

Mario Borghezio, Edouard Ferrand, Marcel de Graaff
f'isem il-Grupp ENF

Rapport

Kati Piri

Ir-rapport 2016 dwar it-Turkija
2016/2308(INI)

A8-0234/2017

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, *skont il-Qafas ta' Negozjar, jissospendu formalment in-negozjati tal-adeżjoni mat-Turkija bla dewmien jekk il-pakkett ta' riformi kostituzzjonali jiġi implimentat mingħajr tibdil; jenfasizza, filwaqt li jqis ir-rimarki tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar ir-riforma kostituzzjonali, li l-emendi kostituzzjonali proposti ma jirrispettawx il-prinċipji fundamentali tas-separazzjoni tal-poteri, ma jipprovdwx kontrolli u bilanċi suffiċjenti u mhumiex konformi mal-kriterji ta' Kopenhagen; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lit-Turkija jagħmlu diskussjoni miftuħa u onesta dwar l-oqsma ta' interess reċiproku li għalihom tkun possibbli l-kooperazzjoni intensifikata; jenfasizza li kwalunkwe impenn politiku bejn l-UE u t-Turkija għandu jkun mibni fuq dispożizzjonijiet ta' kundizzjonalità fir-rigward tar-rispett għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali;*

Emenda

8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri *jtemmu b'mod definittiv in-negozjati tal-adeżjoni mat-Turkija;*

Or. en

28.6.2017

A8-0234/27

Emenda 27

Mario Borghezio, Edouard Ferrand, Marcel de Graaff
f'isem il-Grupp ENF

Rapport

A8-0234/2017

Kati Piri

Ir-rapport 2016 dwar it-Turkija
2016/2308(INI)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

25. Jistieden lill-Kummissjoni tqis l-aktar żviluppi riċenti fit-Turkija meta twettaq ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-fondi tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) fl-2017, u ***tissospendi l-fondi ta' qabel l-adeżjoni jekk in-negozjati tal-adeżjoni jiġu sospiżi; jistieden lill-Kummissjoni, fil-każ li dak ix-xenarju jseħħ, biex tuża dawk il-fondi biex tappoġġa lis-soċjetà ċivili Torka u lir-rifuġjati fit-Turkija b'mod dirett, u tinvesti iktar fi programmi ta' skambji interpersonali, bħall-Erasmus + għall-istudenti, l-akkademiċi u l-ġurnalisti;***

25. Jistieden lill-Kummissjoni tqis l-aktar żviluppi riċenti fit-Turkija meta twettaq ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-fondi tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) fl-2017, ***u ttemm b'mod definit il-finanzjament kollu ta' qabel l-adeżjoni;***

Or. en

Emenda 28**Mario Borghezio, Edouard Ferrand, Marcel de Graaff**

f'isem il-Grupp ENF

Rapport**A8-0234/2017****Kati Piri**

Ir-rapport 2016 dwar it-Turkija

2016/2308(INI)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 28***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

28. Jikkundanna bil-qawwa d-dikjarazzjonijiet li għamel il-President Erdogan fejn jakkuża lill-mexxejja tal-UE bi "prattiki Nazisti" u liċ-ċittadini tagħhom li huma "Nazisti"; jirrimarka **li t-tkomplija ta' tali dikjarazzjonijiet mhux ġustifikati xxekkel il-kredibilità tat-Turkija bħala sieħeb politiku u** li l-esportazzjoni tal-kunflitti interni tagħha huma theddida għall-koeżistenza paċifika fi ħdan is-soċjetà f'dawk l-Istati Membri li għandhom komunità sostanzjali ta' ta' oriġini Torka; jenfasizza li l-Gvern Tork irid jastjeni minn sforzi sistematiċi biex jimmobilizza d-dijaspora Torka fl-Istati Membri għall-iskopijiet tiegħu; jinnota bi tħassib ir-rapporti tal-allegata pressjoni fuq il-membri tad-dijaspora Torka li jgħixu fl-Istati Membri u jikkundanna s-sorveljanza min-naħa tal-awtoritajiet Torok taċ-ċittadini b'ċittadinanza doppja li jgħixu barra mill-pajjiż; jinsab imħasseb dwar ir-revoka ta' numru kbir ta' passaporti, li għamlet lill-persuni konċernati apolidi bi ksur tal-Konvenzjoni tan-NU tal-1954 dwar l-istatus ta' persuni apolidi u l-Konvenzjoni tan-NU tal-1961 dwar it-tnaqqis tal-apolidija, u r-rifjut rappurtat ta' servizzi minn konsulati Torok lil għadd ta' ċittadini Torok;

28. Jikkundanna bil-qawwa d-dikjarazzjonijiet li għamel il-President Erdogan fejn jakkuża lill-mexxejja tal-UE bi "prattiki Nazisti" u liċ-ċittadini tagħhom li huma "Nazisti"; **iwissi li t-Turkija jehrieg li tirrispetta s-sovranità u l-integrità territorjali tal-Istati Membri;** jirrimarka li l-esportazzjoni tal-kunflitti interni tagħha huma theddida għall-koeżistenza paċifika fi ħdan is-soċjetà f'dawk l-Istati Membri li għandhom komunità sostanzjali ta' ta' oriġini Torka; jenfasizza li l-Gvern Tork irid jastjeni minn sforzi sistematiċi biex jimmobilizza d-dijaspora Torka fl-Istati Membri għall-iskopijiet tiegħu; jinnota bi tħassib ir-rapporti tal-allegata pressjoni fuq il-membri tad-dijaspora Torka li jgħixu fl-Istati Membri u jikkundanna s-sorveljanza min-naħa tal-awtoritajiet Torok taċ-ċittadini b'ċittadinanza doppja li jgħixu barra mill-pajjiż; jinsab imħasseb dwar ir-revoka ta' numru kbir ta' passaporti, li għamlet lill-persuni konċernati apolidi bi ksur tal-Konvenzjoni tan-NU tal-1954 dwar l-istatus ta' persuni apolidi u l-Konvenzjoni tan-NU tal-1961 dwar it-tnaqqis tal-apolidija, u r-rifjut rappurtat ta' servizzi minn konsulati Torok lil għadd ta' ċittadini Torok;

28.6.2017

A8-0234/29

Emenda 29

Mario Borghezio, Edouard Ferrand, Marcel de Graaff
f'isem il-Grupp ENF

Rapport

A8-0234/2017

Kati Piri

Ir-rapport 2016 dwar it-Turkija
2016/2308(INI)

Mozzjoni għal risoluzzjoni

Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal risoluzzjoni

Emenda

**30a. Iħeġġeġ bil-qawwa lill-Gvern Tork
sabiex jirrikonoxxi l-ġenoċidju Armen;**

Or. en

28.6.2017

A8-0234/30

Emenda 30

Mario Borghezio, Edouard Ferrand, Marcel de Graaff
f'isem il-Grupp ENF

Rapport

A8-0234/2017

Kati Piri

Ir-rapport 2016 dwar it-Turkija
2016/2308(INI)

Mozzjoni għal rizzoluzzjoni

Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal rizzoluzzjoni

Emenda

**31a. Jikkundanna t-tentattivi biex
Hagia Sophia tiġi konvertita f' moskea,
b'mod partikolari bil-ħatra ta' imam
permanenti f'Ottubru 2016 u permezz tax-
xandir tat-talbiet Musulmani li attendew
għalih uffiċjali tal-gvern, fl-21 ta' Ġunju
2017;**

Or. en

28.6.2017

A8-0234/31

Emenda 31

Mario Borghezio, Edouard Ferrand, Marcel de Graaff
f'isem il-Grupp ENF

Rapport

A8-0234/2017

Kati Piri

Ir-rapport 2016 dwar it-Turkija
2016/2308(INI)

Mozzjoni għal risoluzzjoni

Paragrafu 31b (ġdid)

Mozzjoni għal risoluzzjoni

Emenda

31b. Iħeġġeġ lill-Gvern Tork biex iżomm lura milli jaħtaf proprjetajiet Insara, bħalma ġara reċentement fil-każ ta' madwar sittin knisja, ċimiterji u proprjetajiet oħra fix-xlokk tal-pajjiż; iħeġġeġ lill-gvern biex irodd dawn il-proprjetajiet lura lis-sidien legali tagħhom;

Or. en